MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tat-2 ta' Novembru, 2004

Avviz Numru. 282/2004

**Kevin u Godwin ahwa Loughborough esercenti l-kummerc taht l-isem Cobra Installations**

**vs**

**Gwido Agius**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta’ liema l-atturi talbu il-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta’ elfejn disa’ mija sebgha u ghoxrin lira Maltin u ghaxar centezmi (LM 2,927.10) bilanc fuq somma akbar rappresentanti l-prezz ta’ xoghol u materjal provdut mill-atturi fuq talba tieghu stess go fond f’St Joseph Street, Paola, kollox skond ma jidher mill-istatement datat Gunju 2003, kif ukoll mill-accettazzjoni tieghu bil-miktub f’Settembru 2003, liema dokumenti qed jigu hawn annessi u mmarkati rispettivament bhala Dok A u B;

Bl-imghax mit-30 ta’ Settembru 2003 u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittri legali tat-12 ta’ Mejju 2003, tal-5 ta’ Novembru 2003, u tal-15 ta’ Marzu 2004 kontra l-konvenut, li minn issa jibqa’ ingunt ghas-subizzjoni tieghu;

Rat id-dokumenti illi gew esebiti;

Rat illi l-konvenut, debitament notifikat, ma kkontestax it-talba attrici.

Rat in-Nota tal-mistoqsijiet tal-atturi sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi ppruvat (Art. 698(2) u 702 tal-Kap. 12);

Billi, ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx, la fl-20 ta’ Ottubru, 2004, meta gewipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ghaldaqstant il-Qorti tiddeciedi l-kawza billi tilqa t-talba tal-atturi u ghalhekk tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma ta’ elfejn disa’ mija sebgha u ghoxrin lira Maltin u ghaxar centezmi (LM 2,927.10) bl-imghax legali mit-30 ta’ Settembru 2003 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjez kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------